MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Numru 190/2004

Il-Pulizija
(Sp Walter Spiteri
vs
William Agius, iben Anthony,
imwieled Pieta' fil-5 ta'
april, 1984

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'dawn ill-Gżejjer fis-26 ta' ottubru, 2003 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, għamel falsifikazzjoni, f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f''awk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffirmati, inkella

billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
2. talli fl-istess data, żmien u ċirkostanżi, f'dawn il-Gżejjer, xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;
3. talli uża liċenzja ta' vettura bil-mutur partikolari fuq vettura bil-mutur ieħor, cioe' uża liċenzja ta' vettura oħra mhux magħrufa;
4. talli saq jew għamel użu minn vettura tal-marka Ford Escort, bin-numru tar-reġistrazzjoni IAJ 527, mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta biex tintuża jew tkun fit-triq;
5. talli saq jew għamel użu minn vettura tal-għamla Ford Escort, bin-numru tar-reġistrazzjoni IAJ 527, mingħajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji għal terżi persuni;
6. talli fl-istess jum għal ħabta tat-8.00 p.m. għadda kontra s-sinjal tal-'One Way', minn Triq Danny Cremona u Triq l-Imdina, Kirkop;
7. talli ma għamilx it-trasferiment tal-imsemmija vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni IAJ 527, fi żmien seba' tijiem kif stipulat mill-liġi.

Il-Prosekuzzjoni talbet li f'każ ta' ħtija tordna li l-imputat jiġi skwalifikat milli jkollu jew milli jioojeni liċenza tas-sewqan għal perjodu li din il-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tat-2 ta' april, 2004 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' april, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u Ir-regolamenti 18 u 21 tal-M. V. R. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta taħt is-

sorveljanza ta’ Uffiċjal tal-Probation għal żmien tlett snin mil-lum.  Tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ erba’ mitt lira maltin (Lm400) u tordna
s-sospensjoni tal-liċenza tiegħu tas-sewqan għal żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------